MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 17/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Lana Rose Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-15 ta' Mejju, 2005, ghall-habta tas-6.00 hrs, fi Triq San Gorg, Paceville, San Giljan :

1. bhala sid tal-vettura CBA 064 naqset li tara li jkollha dejjem u f'kull zmien licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (licenzja mhux imgedda);
2. Gaghlet jew halliet jew ippermettiet lil Vera Maria Sant Fournier tuza jew isuq l-imsemmija vettura nru. CBA 064 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

3. u aktar minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq;
4. bhala persuna li ftehmet jew accetat li tixtri jew tbiegh, skrapjat jew xorta ohra nehhiet jew trasferiet lil persuna ohra l-imsemmija vettura nru. CBA-064 naqset li taghti avviz bil-miktub fiz-zmien sebat ijiem lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lil Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, dwar il-bidla tas-sid jew twellija ta' l-imsemmija vettura.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Jannar, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli Skeda Kap. 65, 3(1) Kap. 104, 15(1)(a)(3) Kap. 65, u 26 AL 128/94 u 321 Kap. 10, sabet lill-appellanti hatja w ikkundannataha ghall-hlas ta' multa ta' Euro 2329.37 fuq l-akkuzi 1, 2, 3 u ammenda ta' Euro 58.24 fuq ir-raba' akkuza. Obbligataha tirregistra t-trasferiment sa zmien xahar fuq penali ta' Euro 4.64 ammenda ghal kull jum ta' nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-28 ta' Jannar, 2010, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok tillibera lill-appellanti minn kwalunkwe imputazzjoni w htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-
1. Illi l-appellanti inghatat sentenza minghajr ma nghatat smiegh xieraq. Dana peress illi l-Ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza minghajr ma semghet il-provi tad-difiza. Tant hu hekk illi d-difiza lanqas biss kienet ghamlet il-kontroezami ta' Christopher Darmanin li l-affidavit tieghu gie pprezentat mill-prosekuzzjoni. L-Ewwel Qorti kienet taf li l-appellanti kienet sprovvista mill-avukat taghha w ma kellha qatt taghlaq il-provi tal-intimati biex tkun tista tghaddi ghas-sentenza minghajr ma l-appellanti jkollha

cans tikkonsulta mal-avukat taghha dwar dan jew almenu minghajr ma taghtiha cans tfittex avukat iehor biex jassistiha dak il-hin. Fic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti kien imissha ddifferiet il-kawza ghal data ohra biex f'dik is-seduta jitressqu l-provi tal-intimata w mhux ghalqet il-provi tad-difiza fl-assenza tal-Avukat biex imbaghad tghaddi ghas-sentenza minnufih. B'hekk l-ewwel sentenza hija rizultat ta' nuqqas ta' smiegh xieraq u tikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tal-appellanta taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea w taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Mhux talli s-sentenza tal-Ewwel Qorti ma taghti ebda raguni jew motivazzjoni ghad-decide izda talli mkien ma hemm referenza ghal xi dikjarazzjoni min-naha tal-appellanta li kienet qeghda tirrinunzja ghad-dritt li tkun ippatrocinata minn Avukat. Fil-fatt qatt ma saru dikjarazzjonijiet f'dan is-sens u huwa ghalhekk li s-sentenza tal-Ewwel Qorti tkompli tilledi d-dritt tal-appellanta ghal smiegh xieraq. Inoltre, minhabba li l-appellanta giet imcahda mid-dritt taghha li tiddefendi ruhha kontra l-akkuzi migjuba kontriha billi ggib 'il quddiem il-provi kollha li setghet, spiccat biex ma ghamlitx prova ta' dak kollu rilevanti biex jintwera lill-Qorti n-nuqqas ta' htija taghha. Il-precitata sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' Jannar, 2010 ghalhekk ghandha tigi mhassra w rrevokata sabiex l-appellanta tkun tista' tiehu sentenza gusta fil-konfront taghha wara li tkun avalixxiet ruhha mid-dritt taghha li taghmel il-kontro-ezamijiet mehtiega w li ttella' l-provi taghha;

2. Illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex bizzejjed provi quddiemha biex tasal ghall-prova li trid il-ligi fil-kamp kriminali – u cioe' prova in mankanza ta' dubju ragjonevoli (proof beyond reasonable doubt). Fil-kaz tal-appellanta l-prosekuzzjoni ma gabitx provi bizzejjed biex tissustanzja l-akkuzi. Ghar-rigward ta' uhud mill-akkuzi l-prosekuzzjoni addirittura ma ressqet l-ebda prova, w minkejja dan l-Ewwel Qorti xorta wahda sabet lill-appellanta hatja taghhom. Jirrizulta, per ezempju, illi ma ngabet ebda prova dwar it-tieni akkuza ghaliex ir-rapprezentant tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta ma semma xejn dwar jekk il-vettura in kwistjoni kienitx koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni. F'dawn ic-cirkostanzi lanqas ma kien ikun lecitu li jigi applikat l-

artikolu 3(1A) tal-Kap. 104, (apparti l-fatt illi l-Ewwel Qorti imkien ma invokat dan l-artikolu) liema artikolu jipprezumi illi ma jkunx hemm polza ta’ assikurazzjoni sakemm l-akkuzat ma jipproducix il-polza rilevanti, l-appellanti tissottometti illi ma ghandux japplika l-imsemmi artikolu stante illi (i) dik il-prezunzjoni hija wahda *iuris tantum* u mhux *iuris et de iure* u (ii) peress illi s-sentenza nghatat mill-Ewwel Qorti b’cahda tad-dritt tal-appellanta ghal smiegh xieraq, l-appellanta lanqas biss kellha l-opportunita’ li tipprova tirribatti dik il-prezunzjoni. Kwindi kienet tkun ingustizzja doppja li l-appellanta tigi mcahda mid-dritt taghha ghal smiegh xieraq u per di piu tbati l-effetti ta’ prenunzjoni kontra taghha minghajr ma jkollha l-icken cans tirribattiha. L-ingustizzja w in-nuqqas ta’ smiegh xieraq jidhru sahansitra akbar meta wiehed iqis illi f’dan il-kaz kieku l-prezunzjoni kellha tkun applikata jkun ifisser illi persuna li ma hix is-sid ta’ vettura (cioe’ l-appellanta) tigi mistennija tipproduci evidenza li ma tistax takkwista peress illi huwa s-sid attwali u materjali ta’ vettura li jkollu fil-pussess tieghu polza ta’ assikurazzjoni (f’dan il-kaz Vera Maria Sant Fournier)! Ghal dawm ir-ragunijiet kollha l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tkun sodisfatta bil-provi mressqa mill-prosekuzzjoni. Inoltre, fejn ressqet il-provi l-prosekuzzjoni lanqas ma gabet l-ahjar prova li setghet iggib biex tissodisfa lill-Ewwel Qorti. Il-prosekuzzjoni gabet bhala prova l-affidavit ta’ Christopher Darmanin li semplicement qal ili mill-indagni li huwa ghamel fir-records tal-ufficju tal-Licenzjar u Testjar fi hdan l-Awtorita’ dwar it-trasport ta’ Malta l-vettura in kwistjoni baqghet dejjem irregistrata fuq isem l-appellanta. Il-prosekuzzjoni baqghet ma pproduciet ebda dokument, ebda estratt minn dawn ir-records bhala prova dokumentarja li tissustanzja dak li xehed Christopher Darmanin fl-affidavit tieghu. Dan ma seta’ qatt jikkostitwixxi proof beyond reasonable doubt fir-rigward tal-erba’ akkuzi dedotti kontra l-appellanta. Ghalhekk jekk l-Ewwel Qorti riedet tghaddi ghas-sentenza din messha sabet lill-appellanta mhux hatja minhabba li l-akkuzi ma kienux gew ippruvati fil-grad li trid il-ligi u mhux sabitha hatja tal-akkuzi kollha. Dan aktar u aktar meta l-appellanta fl-ebda hin ma ammettiet li kienet hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha;

3. Illi l-ewwel akkuza tirrizulta li hija preskritta. Dana peress illi r-Regolament 51(7)(a) tal-Avviz Legali 476 tal-2004 jaghmilha cara illi r-reat ta’ sewqan ta’ vettura bil-mutur minghajr ma l-vettura jkollha licenzja (li huma l-unici reat u piena li jikorrispondu ghall-ewwel akkuza w ghad-dicitura tar-Regolament 15(3) tal-istess Avviz Legali) huwa kontravvenzjoni u kwindi ghandha tapplika l-preskrizzjoni ta’ tliet xhur skond l-artikolu 688(f) tal-Kap. 9. Jirrizulta pero’ li meta l-appellanta giet notifikata bl-imputazzjonijiet it-tliet xhur mid-data tal-allegat ksur tal-ligi (15 ta’ Mejju, 2005) kienu diga’ skadew. B’hekk l-ewwel akkuza hija preskritta. Hekk ukoll it-tieni akkuza tirrizulta preskritta ai termini

Ikkunsidrat :

Wahda mill-ilmenti tal-appellanta hija li gie ppregudikat id-dritt taghha tas-smiegh xieraq meta l-Qorti ghaddiet ghas-sentenza wara li l-appellanta stess, fl-assenza tal-Avukat taghha, ddikjarat illi ma kellhix aktar provi x’iggib.

Il-Qorti segwiet il-verbali ta’ din il-kawza w irrizulta illi l-ewwel zewg differimenti l-appellanta ma deheritx u dehret l-ewwel darba fit-13 ta’ Novembru 2006 debitament assistita. L-istess gara fit-2 ta’ April 2007 fejn komplew instemghu x-xhieda tal-prosekuzzjoni. Ghas-seduta tas-16 ta’ Lulju 2007 minkejja riferta posittiva l-appellanta ma dehritx u ghalhekk inhareg mandat. Saru zewg seduti ohra wahda fil-5 ta’ Novembru 2007 u fil-15 ta’ Settembru 2008 fejn l-appellanta kienet assistita. Fit-12 ta’ Jannar, 2009 l-appellanta ma dehritx izda l-legali taghha Dr. John Refalo awtorizza l-prosegwiment tal-kawza fejn xehdet Vera Maria Sant Fournier. Kien hawnhekk li l-prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhix aktar provi u ddiferiet il-kawza ghall-provi tad-difiza ghas- 6 ta’ Lulju, 2009. Dak inhar dehret l-imputata w iddikjarat illi m’ghandhix aktar provi xi tressaq u l-Qorti ddiferiet il-kawza ghas-sentenza. Fit-12 ta’ Ottubru 2009 dehret l-appellanta debitament assistita w inghatat is-sentenza.

Ikkunsidrat :

Fl-ewwel aggravju taghha l-appellanta qeghda tilmenta minn nuqqas ta’ smiegh xieraq peress illi l-Qorti tal-Magistrati ghaddiet ghas-sentenza minghajr ma semghet il-provi tad-difiza. Tant hu hekk illi d-difiza lanqas biss kienet ghamlet il-kontro ezami ta’ Christopher Darmanin li l-affidavit tieghu gie pprezentat mill-prosekuzzjoni.
L-Ewwel Qorti kienet taf li l-imputata kienet sprovvista mill-Avukat taghha w ma kellha qatt taghlaq il-provi tal-appellanta biex tkun tista’ tghaddi ghas-sentenza minghajr ma l-appellanta jkollha chance tikkonsulta mal-Avukat taghha dwar dan.

Bir-rispett il-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-argument.

Veru, illi dak inhar illi l-appellanta ddikjarat li ma kellhix xi provi x’iggib, ma jidhirx illi kienet assistita b’Avukat. Pero` l-Avukat li jkun qed jassisti l-klijent tieghu dejjem ghandu jara l-verbali tal-atti tal-kawza li jkun qed jippatrocinja, fejn allura l-Avukat setgha kien jaf jew messu kien jaf x’kien qed jigri dak inhar il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ma kien hemm xejn x’jimpedixxi li jsir rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenzabiex ikunu jistghu jinstemghu x-xhieda tad-difiza, izda dan ma sarx, ghaddew ix-xhur u lanqas dak inhar stess illi nghatat is-sentenza ma l-Avukat qajjem xi oggezzjoni ghaliha.

Din il-Qorti jidrilha illi d-difiza kellha kull opportunita` biex tirrimedja zball, jekk dan tista’ ssejjahlu zball, li ghamlet l-appellanta bid-dikjarazzjoni taghha fis-6 ta’ Lulju, 2009 u l-fatt illi ma sar xejn jindika akkwijexxenza ghall-ordni tal-Qorti li tinghata s-sentenza f’data vicin.

Barra minn hekk jekk id-difiza ma ghamlitx il-kontro ezami ta’ Christopher Darmanin, li l-affidavit tieghu gie pprezentat mill-prosekuzzjoni, dana kien nuqqas taghha.

Ma jirrizultax f’dawn l-atti xi talba sabiex Christopher Darmanin jingieb il-Qorti sabiex ikun soggett ghall-kontro ezami.

Jekk hemm xi nuqqasijiet minn naha tad-difiza, din ma tistax tuza dawn in-nuqqasijiet a vantagg taghha biex umbaghad tilmenta minn vjolazzjoni ta' dritt fondamentali taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea w taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Il-vjolazzjoni ta' dan id-dritt irid jigi perpetwat mill-Istat, Qorti jew ente ta' Awtorita` izda mhux minn min qed jilmenta, li jkun xejn hlief tort tieghu li ma segwiex l-andament tal-kawza w ma hax il-mizuri rimedjali f'waqthom meta kien f'posizzjoni illi jaghmel dan.

Ghalhekk din il-Qorti ma tara xejn censurabbli fl-Ewwel Qorti meta ghaddiet ghall-pronunzjament tas-sentenza tlett xhur wara li kienet iddikjarat illi se taghtiha.

Din il-Qorti ghalhekk tiddikjara l-ewwel ilment bhala manifestament infondat u tghaddi biex tikkonsidra l-aggravji l-ohra.

L-aktar aggravju principali huwa dak li jirrigwarda l-preskrizzjoni tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellanta, fejn qeghda tissottometti illi l-preskrizzjoni hija dik ta' tlett xhur, f'liema kaz l-appellanta giet notifikata wara w kwindi zgur illi l-ewwel zewg akkuzi huma preskritti.

Il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument.

L-ewwel tlett akkuzi huma reati u mhux kontravenzjonijiet u huma preskrivibbli b'terminu ta' bejn sitt xhur u sentejn, f'liema zmien allura rrizulta illi l-appellanta kienet notifikata w l-akkuzi mhumiex preskritti.

Rigward l-akkuza numru 4, vera li din hija kontravenzjonali pero` ta' natura permanenti, f'liema kaz allura l-preskrizzjoni ma tibdix tiddekkorri w l-Ewwel Qorti setghet liberament tippronuncja ruhha fuq dawn l-imputazzjonijiet kif fil-fatt ghamlet.  Fuq dan din il-Qorti ma ssib xejn x'ticensura.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet dan l-apprezzament u waslet ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti kienet legalment korretta fid-decizjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi taqta` w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------